KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.6.2008
KUMM(2008) 380 finali

2008/0122 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2001/470/KE ta1-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IR-RAĠUNI U L-GĦANIJIET TAL-PROPOSTA

1.1 Introduzzjoni

Fit-28 ta' Mejju 2001, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Nru 2001/470/KE li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali bejn l-Istati Membri, ħlief għad-Danimarka, (minn issa 'l quddiem "id-Deċiżjoni")[1] applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2002.

Il-ħolqien ta' Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali (minn issa 'l quddiem "Netwerk") għandu l-oriġini tiegħu fl-idea li t-twaqqif gradwali ta' spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja kien jirrikjedi titjib, simplifikazzjoni u tħaffif tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri. In-netwerk kellu wkoll jippromwovi l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja fil-qafas ta' tilwim transkonfinali permezz ta' l-implimentazzjoni gradwali ta' sistema ta' informazzjoni maħsuba għall-pubbliku.

Fil-bidu ta' l-2008, in-netwerk kien jinkludi 437 membru, maqsuma f'erba' kategoriji, jiġifieri 102 punt ta' kuntatt, 140 awtorità ċentrali (Art. 2§1, b), 12-il maġistrat ta' kooperazzjoni u 181 awtorità ġudizzjarja oħra attivi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Il-Kummissjoni tieħu ħsieb l-organizzazzjoni, il-presidenza u s-segretarjat tal-laqgħat tan-netwerk. Il-laqgħat tal-punti tal-kuntatt jiġu organizzati ta' l-anqas darba kull semestru. Bejn il-11 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Jannar 2008 ġew organizzati dsatax-il laqgħa tal-punti tal-kuntatt, jiġifieri medja ta' erbgħa fis-sena. Il-membri kollha tan-netwerk iltaqgħu kull sena mill-2002.

1.2 Il-kuntest ġenerali tal-proposta u konsultazzjonijiet

L-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni jipprevedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rigward l-applikazzjoni tagħha li jista' jkollha magħha proposti rigward l-adozzjoni tad-Deċiżjoni. Dan ir-rapport irid jeżamina l-kwistjonijiet ta' l-aċċess u ta' l-assoċjazzjoni tal-professjonijiet legali għall-ħidmiet tagħha u dak ta' aċċess dirett eventwali tal-pubbliku għall-punti ta' kuntatt tan-netwerk.

Din il-proposta hija bbażata fuq il-konsultazzjonijet wiesa' tal-partijiet differenti konċernati, partikolarment fil-qafas ta' dan netwerkin-netwerk. Fil-qafas tal-preparazzjoni tar-rapport diġà msemmi, il-Kummissjoni ordnat studju dwar il-ħidma tan-netwerk (minn issa 'l quddiem "l-istudju"), imwettaq bejn Diċembru 2004 u Mejju 2005[2].

Fuq il-bażi ta' dan l-istudju u fuq il-konsultazzjonijet imwettqa mill-2004 fi ħdan in-netwerk, il-Kummissjoni ppreżentat rapport dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni[3] fis-16 ta' Mejju 2006. F'dan ir-rapport ibbażat fuq l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, b'mod ġenerali, netwerkin-netwerk tejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri.

---

1 ĠU L 174 tas-27.6.2001, p. 25

2 http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/civil/studies/doc_civil_studies_en.htm

3 COM (2006) 203 finali, SEC (2006) 579.

Madankollu, dan ir-rapport kien jirrileva ċerti nuqqasijiet fl-operat tan-netwerk. Il-Kummissjoni nnutat li dan għadu l-bogħod milli jiżviluppa l-potenzjalitajiet tiegħu kollha, u li huwa neċessarju li jkollu l-mezzi neċessarji għat-twettiq ta' ħidmietu. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll l-importanza tan-netwerk bħala għodda essenzjali għat-twettiq ta' żona Ewropea ta' ġustizzja vera.

B'reazzjoni għal dan ir-rapport tal-Kummissjoni, il-Kunsill tal-Ġustizzja u ta' l-Affarijiet Interni adotta konklużjonijiet bejn id-19 u l-20 ta' April 2007 li jikkonċernaw netwerkin-netwerk ġudizzjarju Ewropew[4].

1.3 L-għan ġenerali tal-proposta

L-għan ġenerali tal-proposta huwa li ssaħħaħ ir-rwol tan-netwerk fil-kompiti tiegħu ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri, u partikolarment l-applikazzjoni effettiva u konkreta mill-imħallfin u mill-professjonisti l-oħra tal-liġi ta' l-atti Komunitarji u l-ftehim fis-seħħ bejn l-Istati Membri. Din għandha wkoll l-iskop li ssaħħaħ ir-rwol tan-netwerk fil-qasam ta' aċċess effettiv taċ-ċittadini għall-ġustizzja fil-qafas tat-tilwim transkonfinali.

Dawn l-għanijiet jirriżultaw mit-twettiq tal-Programm ta' l-Aja bl-isem "Insaħħu l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea", adottat mill-Kunsill Ewropew fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004[5], (minn issa ''l quddiem imsejjaħ "il-Programm ta' l-Aja") li jiddikjara li jridu jiġu permessi sforzi supplementari sabiex jiġi faċilitat fil-futur l-aċċess għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili. Il-proposta ta' reviżjoni tad-deċiżjoni li tistabbilixxi n-netwerk tidher fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jimplimenta l-programm ta' l-Aja tat-2 ta' Ġunju 2005[6].

Ta' min wieħed jenfasizza li wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni li tistabbilixxi n-netwerk, diversi strumenti Komunitarji fil-qasam tal-ġustizzja ċivili ġew adottati, huma applikabbli jew ser isiru applikabbli fil-viċin[7]. L-implimentazzjoni konkreta u effikaċi ta' dawn l-istrumenti kollha sseħħ permezz ta' tisħiħ tar-rwol tan-netwerk, partikolarment sabiex jaffaċċja t-tkabbir previdibbli tat-talbiet ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni li jirriżultaw minn dan.

Barra minn dan, sabiex jiġu implimentati b'mod effikaċi l-atti Komunitarji u internazzjonali relattivi għal-liġi applikabbli, in-netwerk ser ikollu jiżviluppa progressivament l-attivitajiet ta' assistenza tiegħu għall-qrati u għall-awtoritajiet l-oħra għall-applikazzjoni tal-liġi barranija.

Din il-proposta għalhekk għandha l-għan li tagħti qafas ġuridiku mġedded, organizzazzjoni aktar effikaċi u mezzi msaħħa lin-netwerk sabiex fil-futur ikun jista' jimponi ruħu fil-qafas

---

4 Doc. 7152/07 JUSTCIV 48

5 ĠU C 53 tat-3.3.2005, p. 1.

6 ĠU C 198 tat-12.8.2005, p. 1.

7 Id-Direttiva dwar l-għajnuna ġudizzjarja applikabbli mit-30 ta' Novembru 2004, ir-Regolament "Brussell II *bis*" fl-1 ta' Marzu 2005, id-Direttiva dwar il-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità fl-1 ta' Jannar 2006, ir-Regolament dwar l-Ordni ta' Infurzar Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2005, ir-Regolament li jistabbilixxi proċedura Ewropea ta' ordni ta' ħlas applikabbli mit-12 ta' Diċembru 2008, ir-Regolament li jistabbilixxi proċedura Ewropea għar-Regolament tal-litiġji żgħar applikabbli mill-1 ta' Jannar 2009, ir-Regolament Ruma II fuq il-liġi applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali mill-11 ta' Jannar 2009, ir-Regolament li jirrevedi r-Regolament dwar it-trażmissjoni ta' l-atti mit-13 ta' Novembru 2008, kif ukoll id-Direttiva dwar ċerti aspetti tal-medjazzjoni fil-materji ċivili u kummerċjali tal-21 ta' Mejju 2008 u r-Regolament Ruma I dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali li qed jiġu adottati.

taż-żona ta' ġustizzja Ewropea bħala l-mekkaniżmu essenzjali ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet involuti kollha tal-ġustizzja ċivili.

2. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

2.1 Il-bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta' din il-Proposta hija l-punt c) ta' l-Artikolu 61 tat-Trattat, li jagħti lill-Komunità kompetenzi biex tistabblixxi miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-kamp ċivili stipulati fl-Artikolu 65, konformi mat-tieni inċiż tal-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 67, skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni regolata mill-Artikolu 251 tat-Trattat.

Id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta magħha, u l-anqas m'hi suġġetta għall-applikazzjoni tagħha skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka kif anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. [Din ma tapplikax ukoll għar-Renju Unit u għall-Irlanda, ħlief f'każ fejn huma jixtiequ japplikawha, f'konformità ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.]

2.2 Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri, kif ukoll l-aċċess effettiv għall-ġustizzja minn persuni li jaffaċċjaw tilwim transkonfinali, ma jistgħux jitwettqu b'mod koordinat u suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk jistgħu jitwettqu biss fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tieħu miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. L-għażla ta' att Komunitarju vinkolanti, f'forma ta' deċiżjoni, hija ġustifikata mill-bżonn li d-dispożizzjonijiet tiegħu jiġu applikati b'mod uniformi mill-Istati Membri kollha sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom.

2.3 Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Id-Deċiżjoni proposta għandha l-għan prinċipali li ssaħħaħ b'mod koordinat u omogenju l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri, prinċiparjament minħabba l-effett ta' strutturi tan-netwerk li diġà jeżistu. Din ma taffetwax partikolarment il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li diġà jeżistu fl-Istati Membri bħal dawk stipulati fil-punti (b) sa (d) tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 u tibbaża fuq titjib tal-kooperazzjoni bejn il-komponenti differenti tan-netwerk. Il-parteċipazzjoni fin-netwerk tal-professjonijiet legali ser issir fuq il-bażi ta' ħatra fost l-Istati Membri u ser tikkontribwixxi biex tkabbar il-mezzi ta' azzjoni għad-dispożizzjoni tan-netwerk.

Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità hekk kif iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat, din il-Proposta għal Deċiżjoni għalhekk ma teċċedix dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha.

3. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI U FINANZJARJI

Il-proposta tistrieħ, fil-parti l-kbira tagħha, fuq kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u fuq il-mezzi finanzjarji mogħtija għall-benefiċċju tat-titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja mid-Deċiżjoni 1149/2007/KE tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi il-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili" għall-2007-2013 fil-qafas tal-programm

ġenerali "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja". Wieħed mill-għanijiet speċifiċi tal-programm "Ġustizzja ċivili" huwa li jiffaċilita l-ħidma tan-netwerk. Għaldaqstant, l-impatt finanzjarju tal-ġestjoni u tal-funzjonament tan-netwek huwa kkunsidrat fil-pakkett finanzjarju multiannwali ta' €109.3 miljun stabbilit għall-programm "Ġustizzja Ċivili". Il-programm ta' ħidma 2007 tal-programm "Ġustizzja Ċivili" jipprevedi €3.25 miljun għall-ġestjoni u l-funzjonament tan-netwerk. Il-programm ta' ħidma 2008, li qed jiġi ffinalizzat, jipprevedi ammont ta' €3.15 miljun għall-ġestjoni u l-funzjonament tan-netwerk. Fir-rigward tas-sussidji għall-azzjonijiet, tingħata prijorità mill-programm ta' ħidma għall-proġetti li jiffukaw fuq it-titjib ta' l-għarfien tan-netwerk mill-imħallfin u l-prattikanti l-oħra tal-liġi, kif ukoll it-titjib tal-ħidma tajba tal-punti tal-kuntatt nazzjonali tan-netwerk u tal-kooperazzjoni bejniethom u l-professjonisti ġuridiċi. Fuq baġit indikattiv ta' sussidji għall-azzjonijiet ta' €3.5 miljun fl-2007, tista' tiġi ddedikata s-somma ta' €1 miljun għall-kofinanzjament ta' proġetti nazzjonali li jimmiraw biex itejbu l-ħidma tan-netwerk ġudizzjarju.

4. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAL-PROPOSTA

4.1 L-aċċess tal-professjonijiet legali għall-ħidma tan-netwerk

- Il-punt e) tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2

Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiftaħ in-netwerk għall-professjonijiet legali li huma involuti direttament fil-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili.

L-assoċjazzjoni eventwali tal-professjonijiet legali mal-ħidmiet tan-netwerk ġiet preċeduta, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, minn konsultazzjonijiet fit-tul kemm mill-membri tan-netwerk u kemm mill-professjonijiet konċernati. B'kunsiderazzjoni għat-tmiem ta' dawn il-konsulti, il-Kummissjoni, fir-rapport tagħha ta' Mejju 2006, irrakomandat li n-netwerk jinfetaħ bil-mod il-mod għal professjonisti tad-dritt oħra, li huma impenjati fil-ħidma tal-ġustizzja. Minħabba li t-tmexxija tal-proċess ċivili hija fil-parti l-kbira l-kwistjoni tal-partijiet quddiem it-tribunali ta' l-Istati Membri, il-professjonijiet legali differenti huma partijiet li ma jistgħux jiġu evitati fil-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili. Din il-parteċipazzjoni hija suxxettibbli li tagħti aktar valur fil-prattika ġuridika fl-Unjoni Ewropea u li tippermetti lin-netwerk li jilħaq l-għanijiet tiegħu.

Ċerti Stati Membri li huma membri tan-netwerk diġà ħatru il-kmamar nazzjonali tal-marixxalli jew lill-kunsilli nazzjonali tan-nutara[8].

Fis-sens ta' din il-Proposta, il-frażi professjonijiet legali konċernati, għandha tfisser biss dawk li jipparteċipaw direttament fl-applikazzjoni konkreta ta' l-atti Komunitarji u internazzjonali fil-qasam tal-ġustizzja ċivili fil-każ ta' proċeduri ġudizzjarji jew barra mill-qorti, bħal pereżempju l-avukati u l-konsulenti legali, is-*solicitors jew barristers*, in-nutara u l-marixxalli.

Meta jitqies il-karattru privat tar-relazzjoni bejn il-prattikanti tal-liġi u l-klijenti tagħhom, li m'għandhiex taffettwa l-ħidma tan-netwerk, u l-anqas ma tkun affetwata mill-parteċipazzjoni

---

[8] Dan japplika għall-Belġju għall-Kamra Nazzjonali ta' l-Uffiċjali Ġudizzjarji għall-bżonnijiet tar-Regolament Nru 1348/2000 u, għal Franza, il-Kunsill Għoli tan-Nutara għal-Laqgħa ta' l-Aja bil-għan li jiġi faċilitat l-aċċess internazzjonali għall-ġustizzja ta' l-1980 u tal-Konvenzjoni ta' l-ICCS li tikkonċerna l-iskambju ta' l-informazzjoni fil-qasam ta' kisba tan-nazzjonalità.

tagħhom fiha, il-Proposta ma tipprevedix l-aċċess dirett u fuq livell individwali fin-netwerk tal-professjonisti legali. Huma biss l-professjonijiet li jirrappreżentaw lill-professjonisti legali differenti f'kull Stat Membru li jiġu jintegrati fin-netwerk bħala membri skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni. Fil-fatt, ħareġ konsensus wiesa' mill-konsultazzjonijiet favur il-ftuħ tan-netwerk għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw dawn il-professjonijiet.

- Fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 2, huwa ppreċiżat li meta fi Stat Membru jeżistu diversi ordnijiet rappreżentattivi tal-professjoni legali, dan l-Istat ser ikun responsabbli li jorganizza r-rappreżentanza adattata tal-professjoni konċernata man-netwerk.

- It-tieni sentenza tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 5, rigward il-funzjonijiet tal-punti tal-kuntatt, ġiet emendata sabiex tipprevedi li l-punti tal-kuntatt ikunu wkoll għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet stipulati fil-punt e) tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2, (entitajiet li jirrappreżentaw lill-professjonijiet legali), għall-istess finijiet bħal dawk għall-awtoritajiet l-oħra, skond termini deċiżi minn kull Stat Membru.

4.2 Il-konsolidazzjoni tal-qafas ġuridiku relatat mal-punti tal-kuntatt

Ir-relazzjonijiet bejn il-punti tal-kuntatt tan-netwerk u l-awtoritajiet ċentrali stipulati fl-Artikolu 6 jinsabu fost il-mistoqsijiet li kienu s-suġġett ta' l-evalwazzjoni tan-netwerk. Dan l-aspett tar-reviżjoni jinkludi diversi aspetti ewlenin maħsuba għall-funzjonament aħjar tan-netwerk.

- Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 2, tad-Deċiżjoni reġa' sar abbozz tiegħu sabiex ikun previst li meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa jaħtar fosthim punt tal-kuntatt prinċipali. Dan il-punt ta' kuntatt prinċipali ser ikollu jiddedika bis-sħiħ l-attività tiegħu għan-netwerk, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe funzjoni oħra, partikolarment dawk li fi ħdan in-netwerk jeżerċitaw il-funzjoni ta' l-awtoritajiet imsemmija fil-punti b), c), d) (u e) ġdid) tal-paragrafu 1.

Huwa previst li mħallef jista' jassiti lil dan il-punt tal-kuntatt prinċipali, jekk dan ta' l-aħħar ma jkunx imħallef ukoll, bħal fil-każ ta' diversi Stati Membri, u dawn iħarsu l-libertà li jaħtru kwalunkwe persuna oħra għall-ħidmiet ta' dan il-punt ta' kuntatt. Din il-proposta hija maħsuba biex tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni ta' l-informazzjoni lejn it-tribunali, biex tnaqqas in-nuqqas ta' rieda li għadha tinħass fost l-imħallfin fir-rigward tan-netwerk, u li tilleġitimizza l-punti tal-kuntatt fir-rigward tal-maġistratura.

4.3 Il-missjoni tan-netwerk fil-qasam ta' l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat Membru ieħor

Il-missjonijiet tan-netwerk huma kompletati bl-iskop li fil-futur hu jkollu rwol ewlieni fl-informazzjoni tal-qrati dwar il-kontenut tal-liġi barranija. Il-punt b) tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3, huwa emendata sabiex ikun previst li meta tkun applikabbli l-liġi ta' Stat Membru ieħor, il-qrati jew l-awtoritajiet maħtura ikunu jistgħu jirrikorru għan-netwerk sabiex jiksbu informazzjoni dwar il-kontenut ta' dik il-liġi.

Ġie miżjud paragrafu ieħor ma' l-Artikolu 5(2)(a), fejn hu previst li l-punti tal-kuntatt iridu madankollu jipprovdu l-informazzjoni sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat Membru ieħor lill-qrati ta' l-Istat Membru tagħhom. Għalhekk, il-punt tal-kuntatt rikjest jista' jibbaża ruħu fuq il-komponenti kollha tan-netwerk fl-Istat Membru tiegħu. Biex tiġi mħarsa l-indipendenza ta' l-awtoritajiet rikjedenti, l-informazzjoni li tinsab fir-risposta la torbot lill-

awtoritajiet differenti tan-netwerk li jkunu pparteċipaw, u lanqas lill-qorti li tkun ippreżentat it-talba.

4.4 Ir-relazzjonijiet bejn il-punti tal-kuntatt u l-awtoritajiet ċentrali

Sabiex l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tkun aktar effettiva, sentenza ġdida tiffissa ammont minimu ta' laqgħat fis-sena bejn il-punti tal-kuntatt tan-netwerk u l-awtoritajiet ċentrali f'kull Stat Membru. Fil-fatt, huwa essenzjali li jiġu żviluppati l-iskambji ta' l-opinjonijiet u l-kuntatti regolari bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' membri tan-netwerk fl-Istati Membri.

4.5 It-tisħiħ ta' l-attivitajiet tal-punti tal-kuntatt

Il-punt (f) hu miżjud ma' l-Artikolu 5(2) rigward il-funzjonijiet tal-punti tal-kuntatt sabiex jiġi previst li dawn jippreżentaw rapport biannwali fuq l-attivitajiet tagħhom.

- L-Artikolu 8, inizjalment limitat għall-mezzi tal-komunikazzjoni utilizzati mill-punti tal-kuntatt, ġie emendat sabiex ir-rikjesti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fi ħdan in-netwerk jiġu ttrattati b'mod mgħaġġel. Skond iċ-ċifri kkomunikati minn ċerti punti tal-kuntatt[9], iż-żmien medju għat-trattament tar-rikjesti fl-2007 kien ta' sebat ijiem ta' xogħol. Imma jeżisti nuqqas ta' qbil bejn il-punti tal-kuntatt u l-limiti taż-żmien twal mhux ħażin li ġew innutati fit-trattament ta' ċerti talbiet. Madankollu, l-intervent tan-netwerk meta mqabbel ma' l-istrutturi ta' kooperazzjoni li diġà jeżistu, partikolarment l-awtoritajiet ċentrali jew il-metodu diplomatiku, jiġi ġġustifikat mill-valur miżjud li dan jista' jagħti f'termini ta' rapidità u fluwidità taċ-ċirkolazzjoni tat-talbiet.

Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru elettroniku sigur ta' l-iskambji ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn il-punti tal-kuntatt għall-kontribuzzjonijiet tagħhom. B'hekk il-Kummissjoni tkun tista' tipprovdi regolarment lin-netwerk l-istatistika dwar it-talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja. Dan għandu jippermetti t-titjib tar-reġistrazzjoni tat-talbiet fir-reġistru, il-ġbir ta' l-informazzjoni affidabbli u kompletata fuq ir-rikjesti u fuq is-suġġetti relatati ttrattati min-netwerk u l-identifikazzjoni tan-natura eżatta tal-problemi u l-istrumenti implikati.

L-Artikolu 9 huwa emendat sabiex jippermetti li l-Istati Membri jibgħatu sitt rappreżentanti minflok erbgħa fil-laqgħat tal-punti tal-kuntatt. Għalhekk huma jkunu jistgħu jinkludu fid-delegazzjoni tagħhom lil imħallfin u esperti matul il-laqgħat tematiċi previsti mill-punti b) u c) tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 10.

4.6 It-tisħiħ ta' l-aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini

L-Artikolu 3(1)(b) jintegra l-aċċess effettiv taċ-ċittadini għall-ġustizzja fost il-missjonijiet u l-attivitajiet tan-netwerk. Fil-fatt, jekk il-premessa 9 tqajjem bħala l-għan tad-Deċiżjoni *"l-aċċess effettiv għall-ġustizzja tal-persuni affaċjati minn litiġji lil jaqsmu l-fruntieri"*, skond il-premessa 14 u l-Artikolu 3, dan l-isforz jiġi limitat għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni fil-livell Ewropew maħsuba għall-pubbliku.

---

[9] Ċifri kkomunikati biss minn 6 punti tal-kuntatt tan-netwerk.

Il-programm ta' l-Aja enfasizza t-titjib ta' l-aċċess għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u, mill-2002, ġew adottati diversi atti Komunitarji f'dan ir-rigward[10]. Din il-Proposta għandha tippermetti lin-netwerk li jimplimenta dawn l-istrumenti l-ġodda b'mod aktar effettiv.

Ġie introdott il-punt c)*bis* fl-Artikolu 5(2) li jippreċiża li l-punti tal-kuntatt għandhom jinfurmaw direttament lill-pubbliku dwar l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u dwar id-dritt intern ta' l-Istati Membri, billi jenfasizzaw l-aċċess għall-ġustizzja fil-qasam ċivili. Madankollu, dan ix-xogħol għandu jsir direttament taħt ir-responsabilità tal-punti tal-kuntatt fl-Istati Membri, jiġifieri fl-iskala li hija l-eqreb taċ-ċittadin.

Il-kliem ta' l-intestatura tat-Titolu III tad-Deċiżjoni hija emendata sabiex il-prijorità l-ġdida tan-netwerk tiġi tradotta bħala informazzjoni lill-pubbliku.

Deher li xi ostakoli, partikolarment fit-termini ta' riżorsi disponibbli, kienu jipprevjenu l-aċċess dirett taċ-ċittadini għall-punti tal-kuntatt, hekk kif maħsub fl-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li fl-Artikolu 13 *bis*, sakemm il-punti ta' kuntatt isiru progressivament aċċessibbli għall-pubbliku fl-Istati Membri, li jsir użu mill-mezzi teknoloġiċi l-aktar adattati. Din il-proposta madaankollu ser tippremetti wkoll lin-netwerk li jimplimenta dawn l-istrumenti l-ġodda fir-rigward tal-pubbliku b'mod aktar effettiv.

Ġie emendat l-Artikolu 17(4)(b) dwar ir-rwol tal-Kummissjoni fis-sistema ta' informazzjoni tan-netwerk maħsuba għall-pubbliku. Il-Kummissjoni għandha tassigura t-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, informazzjoni fuq l-aspetti pertinenti tal-liġi u l-proċeduri Komunitarji, inkluż fuq il-ġurisprudenza Komunitarja, introdotti fis-sistema ta' informazzjoni fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 14, kif ukoll tal-paġni kollha ġenerali tas-sistema. Barra minn dan, għal raġunijiet ta' effettività fil-ġestjoni ta' l-ispejjeż, il-Kummissjoni għandha tittraduċi fl-istess lingwi, skond ir-riżorsi disponibbli, id-dokumenti ta' informazzjoni stipulati fl-Artikolu 15. L-esperjenza miksuba mill-2003 fil-fatt indikat nuqqas ta' riżorsi disponibbli fuq is-suq għat-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti fil-lingwi kollha fi żmien raġonevoli. Din il-kwistjoni trid tiġi integrata fil-kuntest ta' l-iżvilupp ta' l-inizjattiva *eJustice,* li fil-qafas tagħha ser jiġu maħsuba miżuri sabiex jiffaċilitaw it-traduzzjonijiet ta' l-informazzjoni maħsuba għall-pubbliku.

4.7 Ir-relazzjonijiet ma' netwerks oħra u ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali

Ġie miżjud l-Artikolu 12 *bis* sabiex jistabbilixxi r-relazzjonijiet ta' l-iskambji u ta' kooperazzjoni bejn in-nterwork u n-netwerks l-oħra Ewropej li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn is-sistemi ġudizzjarji jew l-aċċess għall-ġustizzja.

Fir-rapport tagħha li diġà ssemma, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien jinħtieġ li jiġu żviluppati s-sinerġiji eżistenti bejn in-netwerk ġudizzjarju u n-netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net) b'mod li jippermettu, pereżempju, li konsumatur li l-litiġju tiegħu ma setax jiġi rregolat fil-qafas tan-netwerk ECC.Net ikun jista' jibbenefika mill-għajnuna konkreta tan-netwerk ġudizzjarju fil-qasam ta' l-aċċess għall-ġustizzja. Din il-proposta hija

---

[10] Dan jitratta essenzjalment id-Direttivi dwar l-għajnuna ġudizzjarja u l-għotja ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità u tar-Regolamenti dwar il-proċeduri Ewropej ta' ordni għall-ħlas, u r-Regolament tal-litiġji żgħar, fejn id-dispożizzjoniijiet jagħmlu referenza diretta għar-rwol tan-netwerk bil-ħsieb li jassiguraw applikazzjoni tajba (Art. 28 u Art. 24).

aktar meħtieġa mir-Regolament Nru 861/2007 li jistabbilixxi proċedura Ewropea għar-regolamentazzjoni tal-litiġji żgħar li jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Is-subparagrafu 3 ta' dan l-Artikolu tipprevedi li n-netwerk jista' jistabbilixxi l-iskambji ma' netwerks oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja stabbiliti minn Stati terzi, kif ukoll ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jiżviluppaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Pereżempju, dan japplika fil-każ tan-Netwerk ta' l-Amerika Latina ta' Kooperazzjoni Ġuridika Internazzjonali, (IberRed)[11] li Spanja u l-Portugall huma parti minnu, imma jista' jikkonċerna netwerks ġudizzjarji reġjonali oħra. Fost l-organizzazzjonijiet internazzjonali stipulati minn dan l-Artikolu, tidher il-Konferenza ta' l-Aja ta' Dritt Internazzjonali Privat li l-Komunità daħlet fiha f'April 2007.

4.8 Il-pożizzjoni tar-Renju Unit, ta' l-Irlanda u tad-Danimarka

Ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jipparteċipawx fil-kooperazzjoni fl-oqsma li jaqgħu taħt it-Titolu IV tat-Trattat sakemm ma jesprimux ix-xewqa ta' parteċipazzjoni, skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll fuq il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta minnha, u l-anqas m'hi suġġetta għall-applikazzjoni tagħha skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Madankollu, huwa maħluq l-Artikolu ġdid 11(2) sabiex tiġi ddedikata prassi skond liema d-Danimarka tkun tista' tipparteċipa bħala osservatur fil-laqgħat tan-netwerk, għalkemm din ma tipparteċipax fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni. Mill-1 ta' Lulju 2007 daħal fis-seħħ[12] il-ftehim bejn il-Komunità u d-Danimarka, li jestendi d-dispożizzjonijiet taż-żewġ Regolamenti Komunitarji fil-qasam tal-ġustizzja ċivili lil dan l-Istat Membru, u dan jagħmel l-assoċjazzjoni stretta tad-Danimarka dejjem aktar neċessarja għall-ħidmiet tan-netwerk.

4.9 In-netwerk u l-kooperazzjoni internazzjonali

L-Artikolu l-ġdid 11(2) *bis*, għandu jippermetti wkoll min-naħa l-oħra, flimkien ma' prattika stabbilita sa mill-2002[13], li l-pajjiżi fit-triq għall-adeżjoni jiġu mistiedna jassistu bħala osservaturi għal-laqgħat tan-netwerk u dan minn meta jiffirmaw l-Att ta' l-adeżjoni. Din il-miżura ser tippermettilhom li jippreparaw b'mod xieraq għall-integrazzjoni tagħhom fin-netwerk. Il-proposta ser testendi dan għall-pajjiżi kandidati.

---

11 NetwerkIn-netwerk IberRed, maħluq f'Ottubru 2004, huwa struttura ffurmata minn punti ta' kuntatt minn 23 pajjiż ta' l-Amerika Latina, bil-għan li jtejbu l-assistenza ġudizzjarja ċivili u penali u t-tisħiħ tar-rabtiet ta' kooperazzjoni bejn dawn il-pajjiżi.

12 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka, li jestendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 tal-Kunsill dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi lid-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 tal-Kunsill dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, ĠU L 2006 120, p 22 u 23.

13 B'pajjiżi li qed jippreparaw għall-adeżjoni, nifhmu dawk li spiċċaw in-negozjati tagħhom u li ffirmaw it-trattat ta' l-adeżjoni (pereżempju: r-Rumanija u l-Bulgarija fl-2006). B'pajjiżi kandidati, wieħed jifhem dawk li magħhom nfetħu u għaddejjin in-negozjati (it-Turkija, il-Kroazja, FYROM). L-10 Stati Membri li ngħaqdu fl-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004 ġew mistiedna għal-laqgħat tan-netwerk bħala osservaturi minn Diċembru 2002. Il-Bulgarija u r-Rumanija bdew jipparteċipaw minn April 2005 bħala osservaturi għal-laqgħat tan-netwerk.

4.10 L-evalwazzjoni

L-Artikolu l-ġdid 19 jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport rigward l-attivitajiet tan-netwerk lill-Parlament Ewropea, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kull tliet snin.

2008/0122 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2001/470/KE ta1-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, partikolarment il-punt c) ta' l-Artikolu 61, u t-tieni inċiż tal-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 67 tagħha,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[14],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[15],

Jaġixxi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi:

(1) Il-ħolqien ta' netwerk ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali bejn l-Istati Membri permezz tad-Deċiżjoni 2001/470/KE tal-Kunsill[16] għandu l-oriġini tiegħu fl-idea li l-istabbiliment gradwali ta' żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja kien jirrikjedi titjib, semplifikazzjoni u tħaffif tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri, kif ukoll l-aċċess effettiv għall-ġustizzja lill-persuni affaċċjati minn tilwim transkonfinali. Din id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2002.

(2) Il-Programm ta' l-Aja intitolat "It-Tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea", adottat mill-Kunsill Ewropew fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004[17] jiddikjara li l-isforzi supplementari jingħataw fil-futur sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja liċ-ċittadini u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili. B'mod partikolari, dan jenfasizza l-implimentazzjoni ta' l-atti adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-qasam ċivili kif ukoll fuq il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-membri tal-professjonijiet legali bil-ħsieb li tiġi definita prattika aħjar.

(3) Skond l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni 2001/470/KE, fis-16 ta' Mejju 2006 l-Kummissjoni ppreżentat rapport fuq il-ħidma tan-netwerk[18]. Dan ir-rapport ikkonkluda li, filwaqt li

---

14 ĠU C […] ta' […], p. […].
15 ĠU C […] ta' […], p. […].
16 ĠU L 174 tas-27.6.2001, p.25
17 ĠU C 53 tat-3.3.2005, p. 1.
18 Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/470/KE li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali tas-16 ta' Mejju 2006, COM (2006) 203 finali.

l-għanijiet iffissati fl-2001 ġeneralment intlaħqu, madankollu n-netwerk kien għadu l-bogħod milli jiżviluppa l-potenzjalitajiet tiegħu kollha.

(4) Sabiex ikun assigurat it-twettiq ta' l-għanijiet tal-Programm ta' l-Aja fil-qasaam tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u ta' aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini u bi preparazzjoni għat-tkabbir prevedibbli tax-xogħolijiet tan-netwerk fis-snin li ġejjin, jinħtieġ li n-netwerk ikollu qafas ġuridiku mġedded maħsub sabiex itih il-mezzi ta' azzjoni.

(5) L-ewwelnett, huwa indispensabbli li tintlaħaq strutturazzjoni aqwa ta' l-iffunzjonar tan-netwerk fl-Istati Membri madwar punt ta' kuntatt nazzjonali u, għalhekk, li jissaħħaħ ir-rwol tiegħu kemm fil-qafas tan-netwerk u kemm fir-rigward ta' l-imħallfin, tal-prattikanti tal-liġi u tas-soċjetà ċivili.

(6) Biex jintlaħaq dan l-għan, huwa neċessarju li punt ta' kuntatt prinċipali f'kull Stat Membru jiddedika totalment l-attività tiegħu għall-missjonijiet tan-netwerk u b'hekk jeżerċita bis-sħiħ l-attributi previsti mid-Deċiżjoni 2001/470/KE.

(7) F'każ li tintagħżel il-liġi ta' Stat Membru ieħor permezz ta' att Komunitarju jew ta' ftehim internazzjonali, il-punti tal-kuntatt tan-netwerk fil-futur irid ikollhom rwol importanti fil-qasam ta' l-informazzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji u barra mill-qorti fl-Istati Membri fuq il-kontenut tal-liġi barranija.

(8) It-trattament tat-talbiet ta' kooperazzjoni mill-punti tal-kuntatt irid isir b'ħeffa kompatibbli ma' l-għanijiet ġenerali mixtieqa mid-Deċiżjoni.

(9) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Deċiżjoni 2001/470/KE fil-qasam ta' titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni u l-aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini, il-professjonijiet legali li jaqblu direttament ma' l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali rigward il-ġustizzja ċivili jridu jsiru membri tal-liġi tan-netwerk fuq il-bażi ta' l-organizzazzjonijiet nazzjonali tagħhom.

(10) Sabiex jiġu żviluppati l-missjonijiet tan-netwerk fil-qasam ta' l-aċċess għall-ġustizzja, jaqbel ukoll li l-punti tal-kuntatt fl-Istati Membri jsiru aċċessibbli b'mod progressiv għall-pubbliku permezz ta' mezzi moderni ta' komunikazzjoni.

(11) Sabiex tittejjeb il-kunfidenza reċiproka bejn l-imħallfin fl-Unjoni u s-sinerġiji bejn in-netwerks Ewropej li jipparteċipaw, jinħtieġ li n-netwerk ikun jista' isegwi r-relazzjonijiet man-netwerks l-oħra Ewropej li jaqsmu l-istess għanijiet, partikolarment in-netwerks ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji u ta' l-imħallfin.

(12) Sabiex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, in-netwerk irid ikun jista' jiżviluppa kuntatti man-netwerks l-oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja madwar id-dinja, kif ukoll ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali.

(13) Sabiex tippermetti monitoraġġ regolari tal-progress miksub fit-twettiq ta' l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jeħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-attivitajiet tan-netwerk lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

(14) Għalhekk hemm lok li tiġi emendata d-Deċiżjoni 2001/470/KE tal-Kunsill.

(15) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri kif ukoll l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-persuni li jaffaċċjaw litiġji li jaqsmu l-fruntieri, ma jistgħux jitwettqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jitwettqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tieħu miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità hekk kif iddikjarat fl-imsemmi Artikolu tat-Trattat, din id-Deċiżjoni ma teċċedix dak li hu neċessarju biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

(16) [Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dawn l-Istati nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.]

(17) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dan l-Istat Membru m'hux ser jipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għaldaqstant mhux marbut minnha, u lanqas m'hu suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

L-Ewwel Artikolu

Id-Deċiżjoni 2001/470/KE hija emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

a) Il-paragrafu 1 hu emendat kif ġej:

i) fil-punt c) it-termini "kooperazzjoni ċivili u kummerċjali" huma sostitwiti bit-termini "kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili u kummerċjali" ii) il-punt e) li ġej huwa miżjud:

"e) l-ordnijiet professjonali li fil-livell nazzjonali ta' l-Istati Membri jirrappreżentaw l-avukati, in-nutara, l-marixxalli u l-professjonisti legali l-oħra li jipparteċipaw direttament fl-applikazzjoni ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali."

b) Il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

i) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 huwa sostitwit mit-test li ġej:

"Meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa għandu jaħtar fosthom punt tal-kuntatt prinċipali u jassigura l-iffunzjonar tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adattati bejniethom. Il-persuna maħtura bħala punt ta' kuntatt uniku jew bħala punt ta' kuntatt prinċipali ta' Stat Membru teżerċita esklussivament il-funzjonijiet ta' punt tal-kuntatt previsti minn din id-Deċiżjoni, bl-esklużjoni ta' kull funzjoni oħra, partikolarment dawk imsemmija mid-Deċiżjoni fil-paragrafu 1 b), ċ), d) u e)."

ii) għandu jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

"Jekk il-punt tal-kuntatt maħtur bis-saħħa tal-paragrafu 2 mhuwiex imħallef, l-Istat Membru konċernat għandu jaħtar imħallef sabiex jassistih fix-xogħol ta' kooperazzjoni tiegħu ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali. Dan l-imħallef għandu jkun membru sħiħ tan-netwerk."

c) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit minn dan it-test:

"3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 b), c) u e). Għall-finijiet tal-paragrafu 1 e), meta fl-Istat Membru jeżistu diversi ordnijiet professjonali rappreżentattivi fil-pjan nazzjonali ta' professjoni legali, hija r-responsabilità ta' dan l-Istat Membru li jassigura rappreżentanza xierqa tal-professjoni konċernata man-netwerk."

d) Fil-paragrafu 5, it-termini "fil-paragrafu 1" huma sostitwiti mit-termini "fil-paragrafi 1 u 2".

2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

a) Il-paragrafu 1 b) huwa sostitwit mit-test li ġej:

“b) jiġi faċilitat l-aċċess effettiv tal-pubbliku għall-ġustizzja, partikolarment minn azzjonijiet ta’ informazzjoni dwar l-iffunzjonar ta’ l-atti Komunitarji u ta’ l-istrumenti intenazzjonali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.”

b) Fil-paragrafu 2 b) għandu jiġi miżjud it-test li ġej:

“b’mod partikolari, meta hija applikabbli l-liġi ta’ Stat Membru ieħor, il-qrati jew l-awtoritajiet maħtura jistgħu jirrikorru għan-netwerk sabiex jiksbu l-informazzjoni rigward il-kontenut ta’ dik il-liġi.”

3) L-Artikolu 5, huwa emendat kif ġej:

a) It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa sostitwit mit-test li ġej:

“Il-punti tal-kuntatt huma wkoll għad-dispożizzjoni ta’ l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta’ l-Istat Membru tagħhom u ta’ l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta’ l-Istat Membru tagħhom u l-awtoritajiet stipulati fil-punt e) tal-paragrafu 1 ta’ l-Artikolu 2, għall-istess raġunijiet, skond it-termini deċiżi minn kull Stat Membru.”

b) Il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

i) il-punt a) huwa ssostitwit mit-test li ġej:

“a) tingħata kull informazzjoni meħtieġa għall-kooperazzjoni ġudizjarja tajba bejn l-Istati Membri, skond l-Artikolu 3, lill-punti tal-kuntatt l-oħra, lill-awtoritajiet imsemmija fil-punti b), c), d) u e), tal-paragrafu 1 ta’ l-Artikolu 2 kif ukoll lill-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta’ l-Istat Membru tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jippreparaw b’mod effettiv talba ta’ kooperazzjoni ġudizzjarja u l-kuntatti diretti l-aktar adattati; b’mod partikolari, tiġi pprovduta kull informazzjoni sabiex tkun faċilitata l-applikazzjoni tal-liġi ta’ Stat Membru ieħor li huwa applikabbli għal-litiġju jew għas-sitwazzjoni skond att Komunitarju jew ta’ strument internazzjonali. Għalhekk, il-punt tal-kuntatt li tiġi ppreżentata tali talba quddiemu jista’ jirrikorri għand l-awtoritajiet l-oħra ta’ l-Istat Membru tiegħu msemmija fl-Artikolu 2 sabiex jagħmel il-liġi. L-informazzjoni li tinsab fir-risposta la torbot lill-punti tal-kuntatt, la lil dawn l-awtoritajiet u lanqas lill-awtorità li tkun ippreżentat it-talba.”

ii) il-punt ċ) *bis* huwa miżjud:

“c) *bis* il-pubbliku jiġi informat dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-intern ta’ l-Unjoni Ewropea, fuq l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi interna ta’ l-Istati Membri, partikolarment f’dak li jikkonċerna l-aċċess għas-sistemi tal-qrati;”

iii) Il-punt f) huwa miżjud:

“f) jiġi ppreparat rapport biannwali dwar l-attivitajiet tagħhom u jippreżentawh matul laqgħa tal-membri tan-netwerk.”

4) Fl-Artikolu 6(2) tiġi miżjuda s-sentenza li ġejja:

“Għal dan il-għan, f’kull Stat Membru, il-punt jew il-punti tal-kuntatt tan-netwerk u dawn l-awtoritajiet kompetenti jiltaqgħu ta’ lanqas darba fis-sena skond il-metodi deċiżi minn kull Stat Membru.”

5) L-Artikolu 8 huwa sostitwit mit-test li ġej:

"L-Artikolu 8

It-trattament mgħaġġel tat-talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja

1. Il-punti tal-kuntatt jirrispondu għat-talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u fi żmien għaxart ijiem wara li jiġu rċevuti l-aktar tard. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien għaxart ijiem wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha.

2. Sabiex jirrispondu bl-aktar mod effikaċi u bl-aktar mod mgħaġġel possibbli għat-talbiet stipulati fil-paragrafu 1, il-punti tal-kuntatt jużaw il-mezzi tat-teknoloġija l-aktar adattati, li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom mill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni żżomm reġistru elettroniku sigur u b'aċċess limitat tat-talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u r-risposti stipulati fil-punti a), b), c), c)*a* tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 5 u ta' l-Artikolu 13 *bis*. Il-punti tal-kuntatt għandhom jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment u għall-iffunzjonar ta' din is-sistema tiġi kkomunikata regolarment lill-Kummissjoni."

4. Il-Kummissjoni tipprovdi lill-punti tal-kuntatt l-informazzjoni dwar l-istatistika tat-talbiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u r-risposti stipulati fil-paragrafu 3 ta' l-anqas darba kull semestru."

6) Fil-Artikolu 9(2), it-terminu "erbgħa" jiġi sostitwit mit-terminu "sitta".

7) L-Artikolu 11 *bis* li ġej jiġi miżjud:

"L-Artikolu 11 bis

Il-parteċipazzjoni ta' osservaturi fil-laqgħat tan-netwerk

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1, id-Danimarka tista' tibgħat rappreżentanti għal-laqgħat imsemmija fl-Artikoli 9 u 11.

2. Il-pajjiżi li jinstabu fil-fazi ta' l-adeżjoni u l-pajjiżi kandidati jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat bħala osservaturi. L-Istati terzi li huma partijiet fil-Ftehim dwar il-kompetenza ġudizzjarja, l-għarfien u t-twettiq tad-deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali ffirmat f'Lugano fit-30 ta' Ottubru 2007 jistgħu jassistu wkoll bħala osservaturi f'ċerti laqgħat tan-netwerk.

3. Kull Stat osservatur jista' jkun irrappreżentat f'dawn il-laqgħat minn waħda jew iktar persuni, mingħajr ma jeċċedi l-limitu ta' tlieta għal kull Stat.

8) L-Artikolu 12 *bis* li ġej jiġi miżjud:

"L-Artikolu 12 bis

I-relazzjonijiet man-netwerks l-oħra u l-organizzazzjonijiet internazzjonali

1. In-netwerk ikollu relazzjonijiet man-netwerks Ewropej l-oħra li jaqsmu l-istess għanijiet, partikolarment man-netwerk ġudizzjarju Ewropew fil-qasam penali u n-netwerk Ewropew ta' taħriġ ta' l-imħallfin.

2. In-netwerk ikollu relazzjonijiet man-netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net). Partikolarment, sabix tiġi pprovduta kull informazzjoni neċessarja sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja, il-punti tal-kuntatt tan-netwerk ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali huma għad-dispożizzjoni tal-punti tal-kuntatt tan-netwerk ECC.Net.

3. Sabiex jitwettqu l-missjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 dwar l-istrumenti internazzjonali relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali, in-netwerk iżomm il-kuntatti u l-iskambji ta' esperjenzi man-netwerks l-oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja stabbiliti bejn l-Istati terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali.

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Preżidenza tal-Kunsill u l-Istati Membri, hija responsabbli mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu."

9) L-intestatura tat-Titolu III huwa sostitwit mit-test li ġej:

"It-Titolu III

Informazzjoni disponibbli fi ħdan in-netwerk u l-informazzjoni lill-pubbliku"

10.) Il-punt c) li ġej għandu jiġi miżjuf mal-Artikolu 13(1):

"c) l-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 8."

11) L-Artikolu 13 *bis* li ġej jiġi miżjud:

"L-Artikolu 13 bis

L-informazzjoni lill-pubbliku mill-punti tal-kuntatt

Il-punti tal-kuntatt tan-netwerk għandhom isiru aċċessibbli b'mod progressiv għall-pubbliku permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa sabiex dan tingħata informazzjoni dwar il-kontenut u l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali u, jekk ikun meħtieġ, li jiġi riferut għand l-awtoritajiet responsabbli mill-applikazzjoni konkreta tagħhom, partikolarment dawk stipulati fl-Artikolu 6."

12. Il-punt b) ta' l-Artikolu 17(4) huwa sostitwit mit-test li ġej:

"b) jassigura, fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, li jkun hemm it-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunità, ta' l-informazzjoni dwar l-aspetti pertinenti tal-liġi u tal-proċeduri Komunitarji, inkluż dwar il-ġurisprudenza Komunitarja, kif ukoll il-paġni ġenerali tas-sistema ta' informazzjoni u d-dokumenti ta' informazzjoni stipulati fl-Artikolu 15, u jagħmilha aċċessibbli fuq is-sit tiegħu tan-netwerk."

13.) L-Artikolu 19 huwa sostitwit mit-test li ġej:

"L-Artikolu 19

L-evalwazzjoni

Sa l-aktar tard it-[...] [*tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni*], u wara kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport relattiv għall-attivitajiet tan-netwerk. Dan ir-rapport ikollu miegħu, jekk ikun il-każ, proposti bil-ħsieb li jadattaw din id-Deċiżjoni."

14.) L-Artikolu 20 huwa sostitwit mit-test li ġej:

"L-Artikolu 20

Il-komunikazzjoni

Sa l-aktar tard it-[...] [*sitt xhur qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni*], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 2, lill-Kummissjoni."

L-Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ nhar […]

Din tibda tapplika mill-[…], ħlief għall-Artikoli 2 u 20, li jibdew japplikaw mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni lill-Istati Membri li huma destinatarji tagħha.

L-Istati Membri huma d-destinatarji ta' din id-Deċiżjoni skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, nhar […]

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*